MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 927/2003

**Anthony Vella**

**Vs**

**Mark Anthony Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm923.45c (disa' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku bejn il-vettura TON 406 proprjeta' ta' l-attur u l-vettura tal-konvenut GAO 512 proprjeta' ta' Mario Farrugia ghal liema ncident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra n-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-attur.

Ra r-*Road Accident Report* fejn l-attur qal:

"Whilst I was driving through Balzan Valley Road from the Lija direction towards Main Street all of a sudden vehicle number GAO 512 came from the opposite direction on the wrong side of the road as he was overtaking another vehicle and collided into me. To avoid the impact I had to climb slightly the pavement on my left causing further damage to my vehicle. Later after impact I removed my vehicle from spot of impact so that traffic could pass easily."

Ra illi l-konvenut fir-*Road Accident Report* qal:

"Whilst I was proceeding through Balzan Valley Road towards the direction of Lija I overtook an unknown vehicle consequence I slightly drove on the other side of the road when all of a sudden vehicle TON 406 came from the opposite direction and collided into me probably losing control of his vehicle due to water on the street."

Sema' x-xhieda ta' Anthony Vella fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Ighid ukoll li ezattament wara l-incident il-konvenut qallu li mar jaqla' karozza u sab lilu gej. Jichad li kien qed jitkellem u li ma kienx qed jaghti kaz ghal min kien hemm quddiemu waqt li kien qed isuq. Jaqbel ma' l-iskizz.

Sema' x-xhieda ta' Paul Demicoli, Alfred Schembri u Sandro Pace li kienu fil-vettura ma' l-attur fejn jikkonfermaw li qal Anthony Vella kif ukoll jaqblu ma' l-iskizz.

Sema' wkoll ix-xhieda ta' Mark Anthony Farrugia fejn qal li waqt li kien qed isuq hargitlu karozza mix-xellug u ghalhekk kellu jersaq fuq il-lemin li jigi qisu n-nofs tal-karozza izda mbaghad rega' dahal 'il gewwa. Jghid li l-karozza ta' l-attur kienet 'il boghod xi tul ta' tlett darbiet l-

Awla tal-Magistrat Mallia u skidjat, laqtet il-bankina u baqghet diehla go fih. Il-vettura ta' l-attur baqghet sejra xi tlieta u tletin metru wara l-incident. Farrugia jghid li fl-iskizz gie muri li kien *wrong side* ghaliex l-attur laqtu fuq it-tank tal-petrol u cjoe' fuq in-naha ta' wara tax-xufier.

Illi dan it-Tribunal gie pprezentat b'zewg verzjonijiet differenti ta' kif sehh l-incident in kwistjoni. Illi skond dan it-Tribunal il-verzjoni ta' l-attur hija aktar veritiera ghal kif verament gara dan l-incident u dan ghaliex il-verzjoni ta' l-attur biss tista' tispjega l-incident hekk kif inhu mpingi fuq l-iskizz li gie kkonfermat miz-zewg partijiet. Illi dan it-Tribunal isib il-verzjoni tal-konvenut li l-attur bil-vettura tieghu "skidja, laqat mal-bankina mbaghad dahal go fija" mhix kredibbli meta tigi kkomparata ma' l-iskizz fejn il-vettura ta' l-attur hija dritta u ma tidhirx li skidjat kif qal l-istess konvenut. Illi l-konvenut mhux kredibbli meta jghid li l-*point of impact* huwa kif immarkat minnu fuq l-iskizz.

Illi l-konvenut spicca kompletament *wrong side*.

Id-danni m'humiex ikkontestati. Gew esebiti l-ircevuti u huma ragunevoli.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-attur Anthony Vella u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm923.45c (disa' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu) hekk dovuta lill-attur bl-ispejjez. Bl-imghax mis-17 ta' Mejju, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------